# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Jannar, 2019**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 735/08JRM**

Mario **AQUILINA**

vs

Alexandra **MIZZI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Lulju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti jitlob li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrka stagħniet indebitament għad-dannu tiegħu minħabba x-xogħol u l-infieq li għamel tul żmien twil f'post tagħha li jinsab f'numru 2, Triq Monsinjur Luigi Catania, Ħaż-Żabbar; (b) tillikwida l-valur ta' dak l-arrikkiment, jekk meħtieġ billi tqabbad perit ħalli jiddetermina dak l-ammont; u (ċ) tikkundannaha tħallsu

l-ammont hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, flimkien mal-imgħax legali;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Lulju, 2008[1], li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fis-7 ta' Novembru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li r-Rikors Maħluf huwa nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa taħt l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12, b'mod li l-imħarrka ma tistax tiddefendi ruħha kif meħtieġ. Qalet ukoll li l-azzjoni hija nieqsa mill-elementi meħtieġa biex tirnexxi. Fil-mertu, ċaħdet li hija b'xi mod żammitu milli jidħol aktar fil-post jew li x-xogħlijiet u ħlasijiet marbuta mal-fond 2, Triq Mons Luigi Catania, Ħaż-Żabbar, saru mill-attur u tgħid li saru u tħallsu kollha kemm huma minnha jew minn persuni qrib tagħha. Żiedet tgħid li l-attur ma qalx li fl-istess fond joqogħdu wliedu mir-relazzjoni li huwa kellu magħha u għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, jekk l-attur għamel xogħlijiet jew daħal f'infieq, dawn saru sforz l-obbligi li l-liġi titfa' fuqu dwar l-ulied. Qalet li l-attur dam għaxar snin jgħix fil-fond magħha filwaqt li hi kellha tieqaf mix-xogħol biex setgħet taqdi d-dmirijiet tagħha ta' omm u lejn l-istess attur: għaldaqstant l-attur ma jistax jippretendi li jitħallas lura ta' dak li hu kien fid-dmir li jagħmel, ta' dak li għamel minn jeddu, jew ta' dak li ta bħala donazzjoni lil uliedu. Warrbet ukoll ix-xilja ta' arrikkiment mhux xieraq fil-konfront tagħha għaliex l-attur innifsu gawda u nqeda bi ħwejjiġha bla ma qatt ikkumpensaha u għal bosta snin kien saħansitra nqeda bir-remissa li hemm fil-post biex minnha kien jaħdem is-sengħa tiegħu ta' mekkanik li fih kienet tagħti daqqa t'id hija wkoll. Minħabba f'hekk, u ladarba l-attur hu midjun lejha ta' kull ma għamlet miegħu fl-għaxar snin li damu jgħixu flimkien, hija kienet qiegħda tressaq azzjoni rikonvenzjonali kontrih;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrka fis-7 ta' Novembru, 2008, li biha w għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet lill-Qorti (i) ssib li tat serviġi lill-attur rikonvenut, nefqet flejjes fuqu u għall-benefiċċju tiegħu li tagħhom għandha tkun kumpensata minnu; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, il-valur tal-imsemmija serviġi u spejjeż, u (iii) tikkundannah iħallasha l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-attur rikonvenut tas-26 ta' Novembru, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li kemm-il darba l-ewwel

[1] Paġ. 5 tal-proċess

kontro-talba kellha tintlaqa', din għandha tolqot biss l-aħħar ħames snin, dan a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni ma tistax tirnexxi minħabba li dak li għamlet ir-rikonvenjenti miegħu għamlitu fil-qafas tar-relazzjoni ta' bejniethom u mingħajr l-intenzjoni li titħallas tiegħu. Fil-mertu, qal li s-serviġi prestati mir-rikonvenjenti ġew paċuti ma' servizzi oħra mogħtija minnu lilha sakemm damu flimkien;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tal-14 ta' Jannar, 2009[2], li biħ ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Ottubru, 2013[3], li bih ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-attur tat-8 ta' Jannar, 2014[4];

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[5], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrka tat-28 ta' April, 2014[6], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha mressqa f'din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal arrikiment mhux mistħoqq, b'kontro-talba għall-ħlas ta' serviġi. L-attur qed jitlob li jitħallas għal xogħlijiet u nfieq magħmula minnu ġo fond tal-imħarrka tul iż-żmien meta kienu jgħixu flimkien. Hu jgħid li, minħabba f'hekk, l-imħarrka stagħniet minn fuq dahru għaliex filwaqt li hu spiċċa mkeċċi, hi għadha dgawdi mis-servizzi li taha u l-infieq li nefaq f'darha.

[2] Paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[3] Paġ. 135 tal-proċess
[4] Paġġ. 136 sa 144 tal-proċess
[5] Paġġ. 146 – 7 tal-proċess
[6] Paġġ. 151 sa 163 tal-proċess

Għalhekk talab lill-Qorti biex tillikwida x'kienu dawn in-nefqiet u tordna li l-imħarrka troddlu lura l-flejjes li ħallas;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka laqgħet billi, preliminarjament, qalet li r-Rikors Maħluf kien nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa taħt l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12, b'mod li hija ma setgħetx tiddefendi ruħha kif meħtieġ. Qalet ukoll li l-azzjoni hija nieqsa mill-elementi meħtieġa biex tirnexxi. Fil-mertu, ċaħdet li hija b'xi mod żammitu milli jidħol aktar fil-post jew li x-xogħlijiet u ħlasijiet marbuta mal-fond 2, Triq Mons Luigi Catania, Ħaż-Żabbar, saru mill-attur u tgħid li saru u tħallsu kollha kemm huma minnha jew minn persuni qraba tagħha. Żiedet tgħid li l-attur ma qalx li fl-istess fond joqogħdu wliedu mir-relazzjoni li huwa kellu magħha u għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, jekk l-attur għamel xogħlijiet jew daħal f'infieq, dawn saru sforz l-obbligi li l-liġi titfa' fuqu dwar l-ulied. Qalet li l-attur dam għaxar snin jgħix fil-fond magħha filwaqt li hi kellha tieqaf mix-xogħol biex setgħet taqdi d-dmirijiet tagħha ta' omm u lejn l-istess attur: għaldaqstant l-attur ma jistax jippretendi li jitħallas lura ta' dak li hu kien fid-dmir li jagħmel, ta' dak li għamel minn jeddu, jew ta' dak li ta bħala donazzjoni lil uliedu. Warrbet ukoll ix-xilja ta' arrikkiment mhux xieraq fil-konfront tagħha għaliex l-attur innifsu gawda u nqeda bi ħwejjiġha bla ma qatt ikkumpensaha u għal bosta snin kien saħansitra nqeda bir-remissa li hemm fil-post biex minnha kien jaħdem is-sengħa tiegħu ta' mekkanik, li fih kienet tagħti daqqa t'id hija wkoll. Minħabba f'hekk, u ladarba l-attur hu midjun lejha ta' kull ma għamlet miegħu fl-għaxar snin li damu jgħixu flimkien, hija kienet qiegħda tressaq azzjoni rikonvenzjonali kontrih;

Illi, fil-kontro-talba tagħha, hija talbet li l-Qorti (i) ssib li tat serviġi lill-attur rikonvenut, nefqet flejjes fuqu u għall-benefiċċju tiegħu li tagħhom għandha tkun kumpensata minnu; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, il-valur tal-imsemmija serviġi u spejjeż, u (iii) tikkundannah iħallasha l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Illi fit-tweġiba tiegħu għall-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrka, l-attur laqa' billi, preliminarjament, qal li kemm-il darba l-ewwel kontro-talba kellha tintlaqa', din għandha tolqot biss l-aħħar ħames snin, u dan a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni ma tistax tirnexxi minħabba li dak li għamlet ir-rikonvenjenti miegħu għamlitu fil-qafas tar-relazzjoni ta' bejniethom u mingħajr l-intenzjoni li titħallas tiegħu. Fil-mertu, qal li s-serviġi prestati mir-rikonvenjenti ġew paċuti ma' servizzi oħra mogħtija minnu lilha sakemm damu flimkien;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur u l-imħarrka kellhom relazzjoni u għexu flimkien għal madwar għaxar snin. Minn din ir-relazzjoni twieldu żewġ ulied. Għal ftit tax-xhur, il-koppja għexet f'fond mikri mill-attur. Aktar tard marru joqogħdu ġewwa fond tal-ġenituri tal-imħarrka[7]. Fi Frar tal-2004[8], l-imħarrka kisbet b'xiri sussidjat fond mingħand l-Awtorità tad-Djar. Dan il-fond kien jikkonsisti f'dar u remissa (garaxx). L-attur kien għamel żmien juża l-garaxx biex jaħdem fih bħala mekkanik[9];

Illi l-attur jgħid li tul is-snin li għex mal-imħarrka, huwa ta sehemu kemm b'dak li jirrigwarda servizzi kif ukoll fi ħlasijiet għal xiri ta' oġġetti[10]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrka tgħid li hija ipprovdietlu dar fejn jgħix, għamlet ħafna miegħu u waqfet taħdem biex tkun tista' tkompli mal-familja li bnew flimkien. Tgħid li ħafna mill-ħlasijiet li l-attur jgħid li ħallas saru minnha jew tat is-sehem tagħha għalihom, kif ukoll li fejn ma wasletx hi, sabet għajnuna mingħand il-ġenituri u qraba oħrajn tagħha[11];

Illi l-imħarrka temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom fil-bidu tal-2008, u l-attur telaq mid-dar tagħha, u hi baqgħet tgħix fid-dar ma' uliedha u għadha tgħix hemm sallum. Minkejja dan, l-imħarrka tgħid li, għal numru ta' xhur, l-attur baqa' jaħdem bħala mekkanik minn ġol-garaxx ta' mad-dar tagħha li huwa wkoll ħwejjiġha[12];

Illi fil-25 ta' Marzu, 2008, l-attur interpella uffiċjalment lill-imħarrka b'ittra uffiċjali biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas lura tas-servizzi li ta u l-flejjes li nefaq fil-fond li llum qed tgawdih hi;

Illi fit-22 ta' Lulju, 2008, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali, il-Qorti sejra l-ewwel tgħaddi biex tqis l-**azzjoni attriċi ewlenija** mibnija fuq xilja ta' arrikiment mhux mistħoqq. Din il-kawża tieħu xejra partikolari minħabba l-fatt li l-kwestjonijiet legali rriżultaw f'qafas ta' relazzjoni ta' konvivenza *more uxorio.* Għalkemm il-partijiet ma jiffokawx wisq fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom, jirriżulta li l-partijiet damu f'relazzjoni għal għaxar snin u li minnha kellhom żewġ ulied;

---

[7] Ara affidavit tal-attur f'paġ. 38 tal-proċess u x-xhieda mogħtija minn fil-kontro-eżami f'paġ. 71 tal-proċess
[8] Dok. "A" f'paġġ. 20 – 7 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 145B tal-proċess
[10] Ara affidavit tal-attur f'paġġ. 38 – 40 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tiegħu f'paġ. 55 tal-proċess u d-dok. "X" f'paġ. 57 tal-proċess
[11] Ara l-affidavit tal-imħarrka f'paġġ. 115 – 9 tal-proċess u x-xhieda tagħha f'paġ. 145A tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Jesmond Fenech f'paġ. 87 tal-proċess, ix-xhieda ta' Josette Fenech f'paġ. 88 tal-proċess, u x-xhieda ta' Joseph Mizzi f'paġ. 98 – 9 tal-proċess
[12] Ara l-affidavit tal-imħarrka f'paġ. 114 tal-proċess

Illi għat-talbiet attriċi, l-imħarrka tressaq eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fl-ewwel **eċċezzjoni preliminari** tagħha, l-imħarrka tgħid li, mill-aspett proċedurali, l-azzjoni hija nieqsa mill-kjarezza meħtieġa mil-liġi taħt l-artikolu 156(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura, u li n-nuqqas tagħha jpoġġiha f'qagħda li ma tistax tressaq kif imiss id-difiża tagħha;

Illi l-għaref difensur tal-imħarrka jgħid li l-atti huma nulli għaliex neqsin mill-kjarezza meħtieġa skond il-liġi li trid li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih "tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġetti u r-raġuni tat-talba"[13]. Fi kliem l-imħarrka, filwaqt li fir-Rikors Maħluf l-attur jagħti x'jifhem li l-ammont pretiż bħala kumpens kien għad irid jiġi stabbilit, l-attur stabbilixxa l-ammont permezz ta' nota li magħha hemeż numru ta' dokumenti[14], u aktar tard fil-kontro-eżami tiegħu ikkonfermhom bħala l-bażi tat-talbiet tiegħu[15]. L-imħarrka tixli lill-attur b'nuqqas ta' korrettezza u tgħid li l-ammont ma ġiex żvelat fir-Rikors Maħluf għal skop, minħabba li kien jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti[16];

Illi jingħad li f'materja ta' nullità tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullità għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[17]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament w irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[18];

Illi mehud kont din id-duttrina u wara li qieset l-atti, il-Qorti tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka m'għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti tara li ebda mill-jeddijiet tad-difiża tal-imħarrka ma ġew mittiefsa bil-mod kif ġie intavolat ir-Rikors Maħluf. Il-premessi huma ċari w riflessi fit-talbiet attriċi. Jingħad ukoll li minkejja li l-imħarrka żammet il-jedd li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri[19], l-ilment tagħha tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tressaq biss fl-istadju ta' Nota u jieħu l-forma ta' kumment aktar minn eċċezzjoni. Lanqas ma jirriżulta li

---

[13] Art. 156(1)(a) Kap. 12
[14] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 55 tal-proċess u Dok. "X" f'paġ. 57 tal-proċess
[15] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 72 tal-proċess
[16] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġġ. 152 – 3 tal-proċess
[17] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**)
[18] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Medserv Operations Limited*** (*in parte*)
[19] Para 8 tat-Tweġiba Maħlufa f'paġ. 13 tal-proċess

l-imħarrka ressqet talba għal dan il-għan f'xi ħin tul is-smigħ tal-kawża. Dan iġib fix-xejn l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-azzjoni ewlenija fil-mertu**, il-Qorti hija mitluba tistħarreġ jekk hux minnu li l-imħarrka stagħniet minn fuq dahar l-attur u bi ħsara għalih, u jekk id-difiża li ressqet l-imħarrka hijiex b'saħħitha biżżejjed biex ixxejjen it-talbiet attriċi f'dik l-azzjoni;

Illi mill-atti jirriżulta li l-attur qiegħed speċifikatament jorbot it-talbiet tiegħu mas-servizzi u ħlasijiet li rrenda fil-fond numru 2, Triq Mons. Luigi Catania, Żabbar[20]. Għaldaqsatant kwalunkwe pretensjoni qabel is-sena 2004, meta l-imħarrka akkwistat il-fond fuq isimha, għandha titwarrab. Fi kliem l-attur, l-ispejjeż li wettaq, u għaldaqstant in-nefqa li għandu jiġi kumpens għaliha, hija dik fl-ammont ta' ħdax-il elf, ħames mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€11,524.47), kif riflessa fl-irċevuti li ppreżenta matul is-smigħ tal-kawża[21];

Illi l-imħarrka tmieri din il-pretensjoni. Tgħid li l-azzjoni hija nieqsa mill-elementi meħtieġa biex tirnexxi. Il-bażi ta' din l-eċċezzjoni huwa l-prinċipju legali li sabiex tirnexxi l-*actio de in rem verso*, jeħtieġ li l-arrikkiment isir mingħajr kawża ġusta. Dan huwa l-mertu tat-tieni eċċezzjoni preliminari kif imressqa mill-imħarrka;

Illi jibda biex jingħad li sabiex l-azzjoni tissejjes fuq il-kawżali tal-arrikkiment mhux mistħoqq, jeħtieġ li jintwerew elementi partikolari li kemm id-duttrina u kif ukoll il-liġi jisħqu li għandu jkollha. L-*actio de in rem verso* illum il-ġurnata tinsab regolata espressament fil-liġi Maltija[22]. Hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni *ex contractu*[23] jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu[24]. Minħabba f'hekk, hija magħrufa li hija azzjoni sussidjarja. Għalhekk, din l-azzjoni ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[25], jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[26]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur

[20] Il-Qorti waslet għal din il-fehma minn qari tal-ewwel tlett premessi
[21] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur f'paġ. 140. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija mill-attur f'paġ. 55 tal-proċess u Dok. "X" f'paġ. 57 tal-proċess
[22] Art. 1028A(1) tal-Kap 16
[23] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[24] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd***
[25] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[26] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)

tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[27];

Illi l-azzjoni mibnija fuq arrikkiment mhux misħoqq hija waħda ekwitativa[28]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[29]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[30]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[31], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[32];

Illi ingħad ukoll[33] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità[34] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[35]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'din il-ħaġa jew b'dak is-servizz[36];

Illi meħud kont id-duttrina u l-prinċipji fuq imsemmija, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-azzjoni tal-attur tista' tirnexxi. Fl-ewwel lok, ma jistax jingħad li l-ħlasijiet li l-attur għamel jew is-servizzi li huwa ta fil-fond tal-imħarrka saru tabilħaqq bla kawża ġusta, u wisq anqas li saru bi żball min-naħa tiegħu jew b'qerq min-naħa tal-imħarrka[37]. Mill-provi mressqa ħareġ ċar li kien hemm raġuni speċifika għaliex l-attur ta sehmu fil-fond: dan għamlu għaliex kien f'relazzjoni li minnha saħansittra kellu l-ulied u ried irendi l-fond tali li jistgħu jgħixu komdi fih. Fit-tieni lok, ma jidhirx li l-attur wettaq il-ħlasijiet fid-dar kontra r-rieda tiegħu.

---

[27] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***

[28] Dig. "*De Jure Dotium*", fr.6 "*Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"

[29] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)

[30] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz. 1978) §2041, paġ. 2008

[31] Art. 1012 tal-Kap 16

[32] Art. 1019 tal-Kap. 16

[33] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Edit., 1975) § 387, paġ. 634

[34] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)

[35] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.) , paġ. 197

[36] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

[37] Alpa – Mariconda Codice Civile Commentato (Libro II) (2ª Ediz., 2009), paġġ. 2764 u 2794 (f'dan il-każ għal tifsira rilevanti u ċara tal-kunċett ta' 'kawża ġusta')

F'każ bħal dan huwa mgħallem li, "*l'azione d'indebito arricchimento non e' proponibile quando il trasferimento dell'utilità economica trovi giustificazione in un tacito consenso della parte che assume di essere danneggiata*"[38]. Fit-tielet lok, ma hemm l-ebda indebitu fejn ikun hemm ħlas imnissel minn obbligazzjoni naturali. Ma hemmx dubju li l-attur kien marbut – għallanqas fil-konfront tal-ulied li nissel mal-imħarrka – li jipprovdi bil-mezzi tiegħu post xieraq fejn dawn setgħu jgħixu b'dinjità u li jerfa' l-parti tiegħu għaż-żamma tagħhom u ta' ommhom, l-aktar ladarba din kienet twaqqfet milli tkompli taħdem bi qligħ ekonomiku biex tkun tista' tieħu ħsiebhom. Fir-raba' lok, l-attur innifsu nqeda bi u gawda minn dak li jgħid li nefaq u mix-xogħol li jgħid li għamel fil-post. Fl-aħħarnett, l-attur ma weriex li ma kellux f'xi żmien utli rimedji oħrajn biex iħares kif imiss il-pretensjonijiet li huwa qiegħed iressaq fl-azzjoni tagħha tal-lum[39];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal biex tilqa' it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-imħarrka u sejra tiċħad it-talbiet attriċi fl-azzjoni ewlenija, minħabba li dawn huma kollha konsegwenzjali għal xulxin;

Illi issa l-Qorti sejra tqis it-**talbiet tal-azzjoni rikonvenzjonali** mibdija mill-imħarrka fuq il-kunċett legali ta' serviġi;

Illi jibda biex jingħad li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija minn persuna favur persuna oħra trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi- kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[40]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[41], jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx il-fehma tal-partijiet li joħolqu fiż-żmien li fih is-servizz ikun ingħata[42];

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrka tgħid li tali serviġi kienu jikkonsistu fl-għoti ta' ħidma u nfieq li kienet tagħmel għall-benefiċċju tal-attur matul iż-żmien li damu jgħixu flimkien. Tgħid li l-attur ma kellux saqaf fuq rasu, u saħansittra kien idaħħal introjtu bħala mekkanik billi jagħmel ħidma minn ġol-garaxx tagħha.

---

[38] Cass. **26.10.1968** (Nru. 3592)
[39] Ara wkoll P.A. AE **9.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġorġina Buħaġiar vs Jane Falzon et*** (mhix appellata) għal tifsira ċara ta' x'inhuma l-elementi tal-azzjoni taħt l-art. 1028A u x'jiġri jekk ma jirriżultawx l-elementi mitluba
[40] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)
[41] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**)
[42] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**)

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur rikonvenut jgħid li l-imħarrka għamlet dak li kien mistenni minnha minn mara għal żewġha (is-sieħeb tagħha, f'dan il-każ) u qatt ma kienet għamlet dan bil-fehma li titħallas. Jgħid ukoll li s-servizzi prestati mill-attriċi ġew paċuti ma' servizzi oħra mogħtija minnu. L-attur rikonvenut qajjem ukoll eċċezzjoni dwar l-effett tal-mogħdija ta' żmien fuq il-pretensjoni tal-imħarrka rikonvenjenti, skond l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, bħala eċċezzjoni preliminari għall-kontro-talba;

Illi, meta wieħed jifli sewwa l-provi li jirriżultaw u l-applikazzjoni ta' dawk il-provi għall-prinċipji legali marbuta mal-azzjoni tas-servizzi, wieħed jintebaħ li lanqas l-azzjoni rikonvenzjonali ma tista' tirnexxi. Fil-fehma tal-Qorti, dan jiġri l-iżjed għaliex jidher li l-imħarrka ressqet il-pretensjonijiet rikonvenzjonali tagħha kontra l-attur rikonvenut wara li hu kien fetħilha l-kawża u minħabba f'hekk. Dan jixhed li, fil-waqt li kienu qegħdin jingħataw l-allegati servizzi u sa ma ntemmet ir-relazzjoni bejnha u l-attur minnha rikonvenut, l-imħarrka ma kellhiex il-fehma li dak li qiegħda jew setgħet kienet qiegħda tagħmel mal-attur riedet titħallas tiegħu[43]. F'dan il-każ, għalhekk, jonqos wieħed mill-elementi essenzjali li huwa meħtieġ biex l-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrka setgħet tirnexxi, jiġifieri dak tal-intenzjoni li s-servizzi li tgħid li wettqet mal-attur rikonvenut kienu tabilħaqq qegħdin jingħataw bil-ħsieb tal-kumpens;

Illi xieraq jingħad ukoll li fejn jidħlu r-rabtiet bejn persuni li jgħixu flimkien *more uxorio,* il-preżunzjoni tkun li s-sehem u l-isforz li kull waħda mill-partijiet tagħti għall-ħtiġijiet ta' kuljum tal-partijiet (u tad-dipendenti oħrajn tagħhom) jingħataw b'sentiment ta' affett u mhux bil-ħsieb li wieħed ikun kumpensat mill-parti l-oħra talli jkun tahom;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni rikonvenzjonali ma tistax tintlaqa' lanqas għaliex jonqos fiha l-prova meħtieġa ta' element ewlieni li jikkostitwiha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrka bħala mhux mistħoqqa u ssib li l-azzjoni attriċi ewlenija mhijiex milquta b'nullità;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka** u ssib li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex isostnu l-azzjoni attriċi ewlenija;

[43] Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrka f'paġ. 118 tal-proċess meta tgħid "*Din il-kawża Mario fetaħha biss biex jinkewetani għax jien naf li ma nħobbx dawn l-affarijiet fil-qrati u mhux għax ġenwinament huwa kien ħallas flus għalija*"

Għalhekk, **tiċħad it-talbiet attriċi** bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonal**i bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li kull parti tħallas **l-ispejjeż** tagħha.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**17 ta' Jannar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2019**